Is-sur Nin qatta' ħajtu f'x xogħol tiegħu ta' l-uffiċċju, fl-istudju, fil-kitba, fil-korrezzjoni iet ta' diversi rivisti u fil-ħbiberija li kellu ma' ismijiet ta' nies. Għadda ħafna snin minn ħajtu waħdu, imma n-neputija kienet sikwit tiġi minn Għawdex u ddur dawra miegħu. Meta din kellha ħafna taħbit f'darha u s-sur Nin beda jħoss l-għeja nġabar Għawdex magħha, imma b'daqshekk ma nqatax mill-ħbieb. Tista' tgħid li darba fil-ġimgħa kien iċempel lill-Prof. Aquilina, lil V. Apap, lili u xi ħbieb oħrajn... imma kien diffiċli ħafna li jifhmek.

Għawdex mort kemm-il darba narah u ħadt ukoll studenti ta' l-Università u tal-Kulleġġ tal-Virtù u kien jieħu pjaċir jiltaqa' magħhom. Dak in-nhar li miet kont hemm u billi ma stajtx inkellmu bistlu moħħu b'qima u ħajr għal dak li għamel għalina l-Maltin.

---

# LIS-SUR NINU CREMONA

### Ta' MANWEL NICHOLAS BORG

*(Suum cuique)*

Xi ħadd darba qalilna li ż-żgħurija
Hija magħġuna minn xi żmien fil-ħajja,
'Mma ħadd għadu ma xjieħ bis-snin ta' l-għomor
Kemm ilha wieqfa l-ġrajja;
W-għalkemm is-snin ikemmxu l-ġilda sewwa
Jibqa' żagħżugħ min ħaddan l-ideali,
U jibqa' jimraħ sew fl-aptit tal-Muża
Li tħobb lil 'Malti' bħali.
Sew jekk ta' sitta jew ta' sebgħin sena,
Il-qagħda biss tal-moħħ jew jies azzari
Li jbiegħdu l-entużjażmu mit-tkemmixa
Taż-żmien tal-jum jew dari
Il-bniedem hu żagħżugħ daqs ħsibijietu,
Jew xiħ daqs il-mibegħda li jkun ħaddem,
Riednu f'idejh: Jew jibqa' fiż-żgħurija,
Jew fi ftit żmien jitqaddem.
'Mma int, ħabib, smajt l-għajta ta' l-imħabba,
Għaraft il-għaqal kbir ta' l-ideali,
U tibqa' timraħ sew fl-aptit tal-Muża...
Int tħobb lil 'Malti' bħali.



# Ninu Cremona, Ħabib li ma ninsa qatt

### Ta' ĠUŻE' CHETCUTI

F'numru speċjali ta' "Il-Malti" li kien ħareġ f'Ġunju-Settembru, 1960, f'poeżija li jien kont ktibt b'tifkira ta' meta Ninu Cremona għalaq tmenin sena, hekk kont fissirt ħsiebi:

Ħabib, kemm ġid u ħidma,
kemm kitba tul is-snin,
kemm tlugħ w inżul fil-ħajja
mal-medda ta' tmenin !

F'dawn l-erba' versi hemm miġbura l-ħajja kollha ta' Ninu Cremona: Cremona ta ħajtu għat-tixrid u l-iżvilupp ta' l-ilsien Malti, tana kull xorta ta' kitba minn grammatika u folklore sa drammi u poeżija, u ġarrab matul is-snin il-ferħ u l-inkwiet li ġġib magħha ħajja mill-iżjed bieżla u attiva. Lil Ninu Cremona jien ili nafu ma' l-erbgħin sena, u tul dawn is-snin kollha l-kuntatti tagħna ma qatgħu qatt, l-ideal tiegħu u tiegħi kien wieħed, u għalhekk ħdimna t-tnejn id f'id flimkien biex stajna naraw ir-rebħa ta' dak l-ideal. Kien introduċieni ma' Ninu Cremona l-ħabib tagħna t-tnejn Ġużè Aquilina, il-lum Professur tal-Malti u ta' l-Ilsna Orjentali. Jien u Aquilina konna għadna żgħażagħ fl-aħjar tagħna waqt li Ninu Cremona kien ġa dieħel fiż-żmien, kellu mal-ħamsin sena tiegħu. Għalija Ninu Cremona matul dawk l-erbgħin sena qisu ma tbiddel xejn, qisu baqa' żagħżugħ ta' dejjem sew f'persuntu kemm ukoll fil-karattru tiegħu.

Qsajjar, ħarira milwi, kont tilmħu ġej b'daqsxejn ta' tqaħqiħa u b'għajnejn imbissma jħarsu lejk mill-bogħod. Dik it-tbissima ħafifa li kont tara tleqq f'għajnejh kienet tqawwilek qalbek, kienet tbissima ta' sinċerità, tbissima ta' ħbiberija ħierġa safja mill-qalb.

Ninu Cremona kellu fih il-kelma faċli u jgħid dak li jħoss bla ma jwaġġa' qalb ħadd. U wkoll meta ġie xi żmien li jien u hu ma qbilniex fuq xi kitba minn tiegħu, b'daqshekk hu fehem l-opinjoni tiegħi, ma żammx f'qalbu u malajr nesa d-differenzi li qatt seta' kien hemm. Għax hu kien il-bniedem ta' qalbu f'idu fil-veru sens tal-kelma. Kien jaf iħobb u jirrispetta lill-ħbieb.

Fl-ewwel snin li sirna nafu lil xulxin konna niltaqgħu ta' sikwit Bormla u nqattgħu s-sigħat nitkellmu fuq xi bank ix-Xgħajra inkella d-dar fejn kien joqgħod il-Professur Aquilina, il-Birgu. Kliemna dejjem kien ikun fuq ħaġa waħda: il-Malti. Imbagħad ġew is-snin